MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 457/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Emanuel Cauchi**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Emanuel Cauchi ta’ 55 sena, iben il-mejtin Joseph u Bernards nee Agius, imwieled tal-Pieta’ nhar is-s27 ta’ Diċembru 1956 u residenti ġewwa Block A Flat 4 Triq it-Tarzna l-Isla detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 39557(M) akkużat talli:

a. nhar is-27 ta' Settembru 2012, ġewwa l-fond Block A Flat 4, Triq it-Tarzna l-Isla volontarjament ħebb għall-persuna ta' ibnu Chrismar Cauchi u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidnetali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

b. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa permezz ta' strument li jaqta' u /jew bil-ponta fuq il-persuna ta' Chrismar Cauchi skont kif iċċertikfat Dr Stephanie Sofia miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla.

c. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta gaħs-sigurta' tal-persuna hawn inidkata.

d. Il-Qorti ntalbet ukoll toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

2. Rat is-sentenza tat-28 ta' Settembru 2012 li biha l-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk illiberatu mill-istess akkuża. Iddikjarat il-proċediment eżawrit dwar it-tieni akkuża miġjuba kontra l-imputat u fiċ-ċirkostanzi ddeċidiet li ma kienx hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap 9.

3. Rat l-appell tal-Avukat Ġenerali a fol 21 et seq tal-proċess. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-atti proċesswali huma difettużi u għaldaqstant is-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2012 fl-ismijiet premessi hija nulla. L-Avukat Ġenerali jibbaża d-dritt ta' appell tiegħu fuq fl-artikolu 413(10(b)(iv) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ssottometta li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunzjazzjoni, interpertazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Liġi.

4. Skont l-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma setgħet tikkonverti ruħha minn Qorti Istruttorja għal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat kienu jesorbitaw il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati.

5. Isegwi li mhux applikabbli l-artikolu 403 tal-Kodiċi Kriminali għaliex dan japplika biss meta tingħalaq il-kumpilazzjoni u mhux meta l-prosekuzzjoni lnaqas ngħatat l-opportunita' li tressaq il-provi tagħha.

6. L-Avukat Ġenerali ma kienx ta l-kunsens tiegħu sabiex l-appellat, jekk irid, ikun ġudikat bi proċessarja sommarja. Lanqas ma jirriżulta mill-atti li l-appellat innifsu ta tali kunsens.

7. Lanqas ma huwa applikabbli l-artikolu 392A tal-Kap 9 la l-appellant ma weġibx 'Ħati' meta sarlu l-eżami mingħajr ġurament.

8. Isegwi li l-Qorti ma setgħetx tagħti sentenza iżda kellha tkompli tiġbor il-provi. (Ara s-sentenza 'Il-Pulizija kontra Dr Joseph Cassar Galea' (11 t'April, 1984).

9. L-Avukat Ġenerali ssottometta wkoll li ż-żewġ imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat ma jinħtieġu ebda kwerela sabiex jitkomplew il-proċeduri kontra l-appellat. Fil-każ tat-tieni imputazzjoni jipprovdu dwarha l-artikolu 221(4) u 222(1)(a) u (b) tal-Kap 9.

10. Isegwi, skont l-Avukat Ġenerali, li l-proċedura applikata mill-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx koretta u għalhekk l-atti huma difettużi għaliex il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma kienet kompetenti li tippronunzja s-sentenza fil-konfront tal-imputat.

11. Għalhekk l-Avukat Ġenerali talab ir-revoka tas-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2012.

12. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

13. Jirriżulta miċ-ċitazzjoni li l-ewwel imputazzjoni ġġorr magħha piena minn tliet xhur sa tliet snin. Minħabba li, skont l-artikolu 370 tal-Kap 9, il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati hija limitata għal sitt xhur, isegwi li fil-każ tal-ewwel imputazzjoni il-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx kompetenti li tagħti sentenza bħala Qorti oriġinali.

14. Iżda barra dan, mill-atti jirriżulta li l-appellat kien irrisponda 'Mhux ħati' (fol 3) waqt l-interrogatorju u la fis-sentenza u lanqas fil-verbal m'hemm imniżżel li saret xi ammissjoni da parti tal-appellat jew li f'xi ħin waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2012 ma sar xi bdil fir-risposta tal-interrogatorju.

15. Li jirriżulta mill-verbal huwa dan li ġej:

'Deher il-parte civile Chrismar Cauchi li informa lill-Qorti li l-inċident kien wieħed minimu, qed jaħfer lil missieru u ma jixtieqx joffri x-xhieda tiegħu.

Informa lill-Qorti wkoll illi huwa kull ma kellu kienet girfa żgħira fuq spalltu. In oltre informa lill-Qorti li missieru ma kellu ebda intenzjoni li jweġġgħu.'

16. Fis-sentenza hemm dan li ġej:

'Rat id-dokument a fol 15 tal-proċess fejn Chrismas Cauchi, fil-preżenza ta' ommu Maria Dolores Cauchi,iddikjara li jixtieq iwaqqaf il-proċeduri kriminali kontra missieru.

Semgħet il-Prosekuzzjoni u lill-avukat tal-imputat.

Għadaqstant, in vista ta' dawn id-dikjarazzjonijiet ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

Tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tieni akkuża miġjuba kontra l-imputat.'

**Bażi tal-Appell**

17. L-Avukat Ġenerali bbaża l-appell tiegħu fuq l-artikolu 413 (1)(b)(iv) tal-Kap 9. Iżda f'dan il-każ, ġaladarba l-ewwel imputazzjoni kienet ta' kompetenza li tesorbita dik tal-Qorti tal-Maġistrati, l-artikolu 413 (1)(ċ) kien applikabbli wkoll.

18. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Avukat Ġenerali seta' jappella.

19. Barra dan, din il-Qorti kkunsidrat li ġaladarba l-appellat ma weġibx li kien ħati, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tikkonverti ruħha minn Qorti Istruttorja għal waħda ta' Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali.

20. Lanqas ma jirriżulta mill-atti proċesswali li l-Avukat Ġenerali kien ta l-kunsens tiegħu sabiex tintuża l-proċedura sommarja, u, prattikament bilfors, ma jirriżulta wkoll li l-appellat ta tali kunsens għal tali proċeduri

21. Fuq kollox, ir-raġunijiet mogħtija fis-sentenza  ma jinkwadrawx bħala ammissjoni.

21. Għalhekk, teknikament il-Qorti tal-Maġistrati kienet għadha waħda istruttorja u ma setgħetx tgħaddi għas-sentenza.

22. Fil-każ tat-tieni imputazzjoni, minħabba dak li jiddisponu l-artikoli 221(4) u 22(1)(a)u (b) tal-Kap 9, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx taqbad u tiddeċiedi li l-proċediment dwar it-tieni imputazzjoni kien eżawrit.

**Konklużjoni**

**23. Għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti,  il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tannulla s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Settembru 2012. Wara li rat l-artikolu  428(1) tal-Kap 9 qed tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont il-Liġi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------